MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 660/2004

**Elmo Insurance Agency Limited ghan-nom tal-kumpanija estera Royal and Sun Alliance Insurance plc bhala surrogate fid-drittijiet tal-assikurata taghha Lara Said u l-istess Lara Said u b'nota tal-14 ta Mejju 2004 Elmo Insurance Limited assumiet l-atti ta' din il-kawza minflok Elmo Insurance Agency Limited ghan-nom tal-kumpanija estera Roya and Sun Alliance Insurance plc**

**vs**

**Mohamed Zouali**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' Marzu 2004 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' mija u tlieta u sebghin lira Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm173.27) rapprezentanti danni kawzati f'incident awtomobilistiku tal-15 ta' Awissu

2003, fi Triq it-Torri, Tas-Sliema, bejn il-vettura bin-nunru tar-registrazzjoni UIN 498 misjuqa minn Maria Dolores Attard, propjeta tal-attrici Lara Said u assikurata that polza tat-tip *comprehensive* mas-socjeta attrici u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni LAD 193 misjuqa mill-konvnenut ghall-liema ncident kien unikament responsabbli l-konvenut. L-istess konvenut kien gie nterpellat ihallas dan l-ammont permezz ta' ittra ufficjali tad-9 ta Jannar 2004 u huwa kien accetta li jhallas permezz ta' pagamenti ta Lm20.00 fix-xahar bl-ewwel rata pagabbli fis-16 ta Marzu 2004 izda ghalkemm l-atturi accettaw din il-proposta, l-konvenut baqa' ma effetwa ebda pagament.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tad-9 ta Jannar 2004 u bl-imghax mid-data tal-istess ittra ufficjali, kontra l-konvneut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa s-segwenti:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li huma esagerati u mhux dovuti.
2. Illi l-eccipjenti jichad li ntlahaq ftehim bejn il-kontendenti – kien hemm biss tentattiv li jintlahaq ftehim u dan bla pregudizzju ghad-drittijeit tal-istess partijiet.
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri kemm il-darba jkun il-kaz.

Sema x-xhieda ta Joe Mula, ta' Doris Attard u tal-konvenut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-kaz jirrigwarda danni kawzati f'incident awtomobilistiku li sehh fil-15 ta Awissu 2003, fi Triq it-Torri, Tas-Sliema, precizament f'Fond Ghadir, bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni UIN 498 misjuqa minn Maria Dolores Attard, propjeta tal-attrici Lara Said u assikurata that polza tat-tip *comprehensive* mas-socjeta attrici u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni LAD 193 misjuqa mill-konvenut. Il-kollizzjoni kienet wahda *bumper*

*to bumper* fejn il-konvenut dahal fil-vettura misjuqa minn Attard minn wara u r-responsabilita ghall-incident hija ammessa. Il-konvneut qieghed biss jikkontesta l-quantum tad-danni reklamati mill-atturi ghaliex jirritjeni li huwa kemm miss il-vettura misjuqa minn Attard minn wara u jghid li din il-vettura kull ma kellha kien briex zghir fuq il-*bumper* u xejn miksur.

It-Tribunal ezamina bir-reqqa s-*survey report* rigwardanti l-hsara fil-vettura projeta' tal-attrici (a fol. 18 tal-process), kif ukoll l-ircevuti relattivi ghat-tiswijiet u tibdil ta' *parts (*a fol. 13 sa 17 tal-process) u jidhirlu li d-danni reklamati mill-atturi huma perfettament kompatibbli mad-dinamika ta kif sehh l-incident *de quo* u bl-ebda mod ma jistghu jitqiesu li huma esagerati. Il-hsarat huma fil-fatt kollha fuq wara u jirrigwardaw il-*bumper* ta' wara. Wiehed irid jikkunsidra li l-vettura tal-attrici hija tal-marka Ford Ka, cioe vettura zghira u utilitarja u mhux vettura b'sahhitha u ghalhekk huwa facli li *prima facie* wiehed jahseb li l-hsara hija minima jew negligibbli izda wara li jsir ezami aktar akkurat minn persuna teknika jigi kkunstatat li l-hsarat huma fil-fatt aktar estensivi. Fi kwalunkwe kaz kif diga' ntqal aktar il-fuq it-Tribunal jidhirlu li l-ammont mitlub mill-attur bl-ebda mod ma jsita' jigi ritenut li huwa eccessiv.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi, filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' mija u tlieta u sebghin lira Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm173.27), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjes ta din l-istanza, nkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad-9 ta' Jannar 2004, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------